# Storja tal-Għaqdiet tal-Kittieba tal-Malti

(*Jissokta mill-paġ. 23 ta' 'Leħen il-Malti' Marzu - April 1941*)

It-twelid tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* hu marbut malqawmien ta' idejjiet kostituzzjonali u demokratiċi fost il-popolazzjoni u ta' nazzjonaliżmu fost in-nies tas-sengħa, meta fi żmien wieħed, wara l-Gwerra l-Kbira bit-Trattat tal-Paċi fl-1919, tnisslet fil-qlub tad-Demokrazija fehmiet ġodda ta' ċivilizzazzjoni nazzjonali. Ma' dawn il-fehmiet ingħaqdu wkoll dawk ta' żgħażagħ li kienu għadhom ma daqux it-tbatijiet tal-ħajja, iżda li kienu, minn fuq il-bankijiet ta' l-Università, mixgħulin bi xrariet ta' sentimenti ġodda nazzjonali fil-programm ġdid tat-tagħlim tagħhom letterarju. Mhux ħaġa talgħaġeb għalhekk illi, malli l-*Għaqda*, wara li iffissat l-ortografija tagħha u ħarġet ir-rivista tagħha *Il-Malti*, xi żgħażagħ ta' l-Università ħassew il-bżonn li jingħaqdu mhux biss bħala msieħbin tal-*Għaqda*, iżda li maż-żmien joħolqu wkoll fergħa għalihom taħt l-istess sistema ta' kitba.

Il-Kummissjoni li kienet inħatret mill-Membri tal-*Għaqda* biex tagħżel sistema xierqa ta' alfabet u ortografija maltija ma kenitx tbiegħdet minn dawk l-ittri li sa dak iż-żmien kienu l-iżjed popolari fost il-biċċa l-kbira ta' l-aħjar kittieba tal-Malti, jiġifieri minn dawk tal-*Muftieħ* ta' Ġanni Vassallo u minn dik li hi sistema grammatikali tax-*Xirka Xemxïa*. Fissistema tagħha, għalhekk, insibu mgħaqqdin flimkien il-prinċipju xjentifiku ma' l-użu prattiku. Wara li fl-1934, daħlet fl-Iskejjel, fil-Qrati u fl-Amministrazzjoni, l-ortografija tal-*Għaqda* ħakmet b'tant qawwa fost il-kittieba tal-Malti illi l-lum qajla ssib min ma jiktibx biha sew f'romanzi, stejjer, poeżijiet, f'ġurnali kif ukoll f'reklami, sport, stedin, irkantijiet u saħansitra f'menù ta' xi pranzu. Nistgħu ngħidu bil-jedd kollu illi s'issa s-sistema tal-*Għaqda* kienet l-iktar ixxurtjata fost it-32 sistema ta' kitba maltija li kienu nħolqu u nkitbu bihom mis-seklu 17 sa l-1924.

Minn xi tliet snin 'l hawn xi żgħażagħ imħeġġin mill-ħajra li jxerrdu l-letteratura Maltija bl-ortografija tal-*Għaqda* ingħaqdu u waqqfu xirka msejħa *Xirka għat-Tixrid tal-Lsien Malti*. L-iskop tal-ħidma ta' din ix-Xirka huwa iktarx propagandistiku milli akkademiku.

Iżda l-isbaħ xorti li kellha din is-sistema hija dik li rebħet il-qlub ta' l-istudenti ta' l-Università li ma stmellewx idaħħluha fosthom u maż-żmien jinqdew biha meta ħassew il-bżonn li joħolqu rivista tal-qari malti bl-arma ta' l-Università fil-frontispizju, f'dik l-Università fejn sa ftit snin ilu il-Malti kien hekk mistkerrah li dejjem inżamm 'il barra millgħatba tagħha.

Naraw għalhekk illi fost in-numri ta' *Il-Malti* hemm wieħed miktub minn studenti ta' l-Università u dan hu *Il-Malti* maħruġ bħala suppliment għas-sena 1926. Dan in-Numru speċjali ta' *Il-Malti* tal-*Għaqda* kien sar b'riħet it-tħabrik u l-ħeġġa ta' l-istudent, il-lum, it-tabib Rużar Briffa. Jien ma nistax nagħlaq aħjar din id-daqsxejn ta' taħdita tiegħi fuq il-Għaqdiet tal-Malti milli nsemmi l-kelmtejn li kien kiteb id-Direttur ta' *Il-Malti* ta' dik id-darba, li kien is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi, fl-introduzzjoni ta' dan in-Numru Speċjali fejn kien qal: "Dan il-Għadd ta' *Il-Malti* hu miktub minn żgħażagħ studenti ta' l-Università tagħna—żgħażagħ magħrufin biżżejjed għall-ħeġġa tagħhom u l-imħabba għal dak li jġib l-isem maħbub ta' malti. Il-ħruġ tiegħu ħallejnieh f'idejn is-Sur Rużar Briffa — biex ikun kollox tagħhom għad li jġib l-isem ta' *Il-Malti* u għalhekk għandu jirtabat ma' sħabu biex jagħlaq it-tieni sena. Mela fil-waqt li nżżuħajr u nqawwu qalb dawn iż-żgħażagħ studenti, nitolbu lill-qarrejja ta' *Il-Malti* li jilqgħu dan il-ktieb bħala ġawhra żgħira fil-kuruna letterarja ta' ras il-għażiża Malta tagħna" Wara ħames snin, dan l-appostolat għall-Malti mibdi minn daqsxejn ta' student, nissel l-isbaħ frott fost l-istudenti universitarji kif ukoll fl-istess istituzzjoni universitarja għal tagħlim akkademiku tal-Malti b'mod li maż-żmien twaqqfet fergħa għaliha ta' Għaqda tal-Malti, bl-istess programm ta' metodu u finijiet propagandistiċi ta' kitba letterarja maltija fost l-istudenti, u, għalhekk, f'Marzu ta' l-1931 din il-*Għaqda tal-Malti* (*Università*) wara li rnexxielha tgħaqqad tajfa sabiħa ta' mseħbin universitarji, ħarġet l-ewwel numru ta' *Leħen il-Malti* li hu l-isem mogħti lil din ir-rivista minn din il-Għaqda. *Il-Għaqda tal-Malti* (*Università*) hija, nistgħu ngħidu bil-ħaqq kollu, bint leġittima tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti u minn din hija taf il-ħajja tagħha. L-ewwel Diretturi ta' din ir-rivista kienu l-istess Fondatur tagħha, jiġifieri s-Sur Rużar Briffa u l-ħabrieki student Ġużè Bonnici (il-lum mejjet u li xogħlu fil-qasam letterarju Malti ma għandu jintesa qatt fostna) li wara kien laħaq Segretarju tal-Kumitat u għal xi żmien Direttur ta' *Leħen Il-Malti*. L-ewwel studenti li kitbu f'dan l-ewwel numru ta' *Leħen il-Malti* kienu Rużar Briffa (Tabib Speċjalista tal-Mard tal-Ġilda), Mary Caruana (il-lum Spiżjara), Anton Buttigieg (il-lum Nutar u Avukat), Ġużè Aquilina (il-lum Avukat u Professur tal-Malti fl-Università) u ma' dawn biex igħaqqdu l-kuruna, l-imgħallem tal-proża maltija, il-mejjet u qatt minsi Professur Sir Temi Zammit, bħala gradwat u ex-Rettur ta' l-Università. Din il-Għaqda fi ftit snin kibret u ssaħħet, l-iktar meta wara xi sena l-Għaqda għaddiet taħt it-tmexxija tal-Professur Dun Pietru Pawl Saydon, meta mħabba x-xogħol tal-professjoni tagħhom iż-żewġ diretturi ta' qabel ma setgħux isibu żmien biżżejjed biex jaqdu kif jixraq id-dmirijiet tagħ-

hom. Biżżejjed ngħidu illi bis-saħħa tal-Għaqda u tal-ħidma u ħeġġa ta' min kien qed imexxiha, wara bilkemm disa' snin ħajja kellha titwaqqaf ġewwa l-Università kattedra tal-Malti li tfakkar il-bidu tal-ħidma ta' Vassalli bħala l-ewwel kunferenzier tal-Malti fl-Università fl-1825, kattedra li biha twettaq il-jedd ta' ġieh akkademiku tal-Malti.

A. CREMONA